# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fontana

Is-Seba' Leġislatura

**Laqgħa b'urġenza numru 17**

**13 ta' Frar 2018**

Il-Kunsill Lokali tal-Fontana ltaqa' fis-Sala tal-Komunita' li tinsab fi Triq Ta' Mulejja fil-5.00pm.

**PREŻENTI:**

Saviour Borg – Sindku
Victor Cefai – Viċi Sindku
Carmel Farrugia – Kunsillier
Horace Micallef - Kunsillier
Mario Mercieca – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Heidi Grech – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

**17.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġiji**

17.1.1 Il-laqgħa ssejħet b'urġenza sabiex il-Kunsill jiġi ppreżentat bil-*'Financial Statements'* għas-sena 2017 u konsegwentament jiġu spjegati u approvati. Il-membri kollha kienu preżenti għal-laqgħa u għalhekk ma kienx hemm ittri ta' Apoloġiji. Is-Sindku Saviour Borg ippresieda l-laqgħa. Għal din il-laqgħa ġie mistieden jattendi l-*'Accountant'* tal-Kunsill, is-Sur Daniel Galea, sabiex jagħti spjegazzjoni lill-Kunsill rigward il-*'Financial Statements'*.

**17.2 Approvazzjoni tal-*'Financial Statements'* għas-sena 2017**

L-accountant tal-Kunsill, is-Sur Daniel Galea ġie mistieden jidħol fil-kamra sabiex jagħti spjegazzjoni lill-Kunsill rigward il-*'financial statements'*. Is-Sur Galea beda billi ta spjegazzjoni dettaljata tal-ispiża rikurrenti tal-Kunsill. Fis-sena 2017 il-Kunsill kellu dħul ta' €164,242 filwaqt li ħruġ kien hemm €157,559. Is-Sur Galea ta spjegazzjoni tad-dħul fejn rajna żieda mid-dħul ta' permessi ta' krejns u skemi kif ukoll żieda fl-LES administration fees u distribuzzjoni li ingħatat mil-LES. Żid jgħid li fis-sena 2017 kien hemm żieda wkoll taħt *'Other Government Income'* li dan kien jirrifletti d-dħul mill-Wasteserve għal ġabra ta' skart organiku.

Il-Kunsill għandu jirċievi €6519 filwaqt li għandu kontijiet pendenti li jammontaw għal €20,201. Is-Sur Galea spjega tajjeb kif mis-sena 2018 ser tinbidel is-sistema ta''grants' hekk kif inhu mitlub mid-DLG. Kompla jgħid li l-Kunsill għandu *'Contingent Liability'* fejn bħalissa qiegħed bħala xhud f'kawża li l-Pulizija

fetħet kontra supplier tal-Kunsill. *'Capital Commitments'* juru l-proġetti li l-Kunsill approva fil-Budget 2018 li jammontaw għal €192,792. Is-Sur Galea spjega illi l-Kunsill għalaq is-sena finanzjarja għas-sena 2017 b'total ta' flus il-bank jammonta għal €173,913.

Is-Segretarja nfurmat lill-membri li l-Kunsill għalaq is-sena finanzjarja b'*positive current net asset position* ta' € 156,054. Il-Kunsill approva dawn l-istess *'Financial Statements'* għas-sena 2017 u għalhekk ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv quddiem il-preżenti sabiex jintbagħtu lill-Awditur Ġenerali u l-Udituri.

Il-laqgħa ntemmet fil-5.15p.m.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| **Saviour Borg** | **Heidi Grech** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |